

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Comercial Jacinto Parera, SA (Barcelona, Spanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Diċembru 2010 (Każ R 449/2009-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn TMS Trademark-Schutzrechtsverwertungsgesellschaft mbH u Comercial Jacinto Parera, SA.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) TMS Trademark Schutzrechtsverwertungsgesellschaft mbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 139, 07.05.2011.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 — Sport Eybl & Sports Experts vs UASI — Seven (SEVEN SUMMITS)

(Kawża T-179/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SEVEN SUMMITS — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti Seven — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 200/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Sport Eybl & Sports Experts GmbH (Wels, l-Awstrija) (rappreżentant: S. Fürst, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Seven SpA (Leini, l-Italja) (rappreżentant: D. Sindico, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Jannar 2011 (Każ R 364/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Seven SpA u Sport Eybl & Sports Experts GmbH.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Sport Eybl & Sports Experts hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u ta' Seven SpA.

(¹) ĠU C 152, 21.05.2011

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Mejju 2012 — Vakalis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-317/11 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali — Kalkolu tas-snin tas-servizz pensjonabbli — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Prinċipju ta' kontradittorju — Trattament ugwali”)

(2012/C 200/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Ioannis Vakalis (Luvinata, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla), tat-13 ta' April 2011, Vakalis vs Il-Kummissjoni (F-38/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiża għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) Ioannis Vakalis għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-istanza preżenti.

(¹) ĠU C 282, 24.09.2011.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2012 — Fortress Participations vs UASI — FIG u Fortress Investment Group (FORTRESS)

(Kawża T-314/11) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2012/C 200/34)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Fortress Participations BV (Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizzjament L. J. van de Braak, avukat, B. Ladas, solicitor, u S. Malynicz, barrister, sussegwentement L. J. van de Braak, S. Malynicz, R. Black, solicitor, u V. Baxter, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: FIG LLC (New York, l-Istati Uniti); u Fortress Investment Group (UK) Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: J. Gray u R. Mallinson, avukati)